MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Numru. 130/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**MARIO ANTONELLI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Antonelli, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 208868 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta` Frar, 2013, ghall-habta tal-hamsa ta` wara nofsinhar (17:00hrs):

1. Ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta` Michael Mertsch (detentur ta` passaport numru 330300417), liema offizi jitqiesu li huma gravi skont kif iccertifika Dr. Edward Cherubino, M. D. (Reg. 3370);

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u immobbli u cioe` nuccali tal-vista, liema hsara ma tiskorriex elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma hi izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);
3. U aktar talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini ta` l-Artikolu 412 C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Michael Mertsch u r-residenza taghha kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, il-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 216, 325 (b) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Dina l-Qorti filwaqt li qed issib lill-imputat hati, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------